# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-22 ta' Frar, 2023

Avviz tat-Talba numru: 335/2020 CL

**Neville Vella (KI nru: 126672M) u Jacqueline Vella (KI nru: 438571M), Marius Richard Cilia (KI nru: 477257M) u Monica Cilia (KI nru: 421259M),**

**VERSUS**

**Enemalta plc (C65836)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fl-10 ta' Dicembru 2020 fejn l-atturi talbu lit-Tribunal jiddikjara li l-hsara imgarba mir-rikorrenti fuq il-faccata tal-fond numru 18, Sunrise Flats, Triq L-Gharghar 1979, Qormi sehhet minhabba hruq fil-wires tal-intimata stess. Jiddijkara li s-somma ta' tlett elef seba' mija u hamsin euro €3750[1] hija dovuta lir-rikorrenti minghand l-intimata, jordna lil-intimata thallas s-somma ta' €3,750 lir-rikorrenti bl-imghax sad-data tal-pagament bl-ispejjes inkluz tal-protest gudizzjarju. Dan wara illi fit-3 ta' Jannar 2019. waqt illi uhud mir-rikorrenti kienu d-dar taghhom gewwa Sunrose Flats, Triq Gharghar 1979, Qormi, hadu n-nar wires u cables tad-dawl kif ukoll tat-telefon fuq in-naha ta' barra tal-fond. In-nar beda mill-wires tal-elettriku tal-enemalta u ssugwentament l-faccata tal-fond iggarbet hsara. Ottjenaw stima tad-danni soferti fuq il-faccata tal-binja li tammonta ghal tlett elef seba' mija u hamsin euro (€3,750). L-intimata giet interpellata sabiex tersaq ghal hlas ta' diversi danni inkluz permess tal-protest gudizzjarja bin-numru 363/2020, izda baqghet tirrespingi l-pretensjonijiet tal-atturi.

Ra r-risposta li giet pprezentata mis-socjeta konvenuta fl-4 ta' Frar 2021, fejn preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fill-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi ghad-dannni in kwistjoni l-Enemalta plc ma kellha ebda htija. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes.

Ra l-affidavit tar-rikorrenti Marius Richard Cilia, Monica Cilia, Neville Vella, Jacqueline Vella , Charlon Mifsud u Anthea Vella li kollha qalu li kien hemm in-nhar fil-wires li kienu inharqu u ipprezentaw ukoll ritratti. Marius Cilia, Jacqueline Vella, Charlon Mifsud u Anthea Vella kollha iddikjaraw illi l-Enemalta plc kienet ghaddiet wire temporanju dakinhar stess. Neville Vella xehed illi l-

[1] Korrezzjoni skond il-verbal datat 21 ta' Gunju 2021.

haddiema tal-Enemalta kienu bidlu wire dakinhar u ipprezenta stima tal-hsarat li jammontaw ghal tlett elef seba' mija u hamsin euro[2].

Xehed l-Inginier Edward Gatt u ipprezenta rapport illi kien hejja wara li gie mqabbad minn Neville Vella. Hu ma marx fuq il-post izda mir-ritratti li juru l-hruq ta' wire, seta' jikkonkludi li dan it-tip ta' hruq jigri meta jkun hemm vultagg gholi u l-unika wire ta' vultagg qawwi kien tal-Enemalta. Fir-ritratt jidher ukoll li wara l-istess wire gie ingannat bit-tape, li jidher li kien gie maqtugh mill-Enemalta.

Xehdu ukoll Julian Fenech rapprezentanti tal-Melita li kien mar fuQ il-post meta kien hemm l-incident kien hemm linja li waqghet fuQ il-bracket tal-Enemalta, li l-haddiema tal-Enemalta kellhom jnehhuh biex terga' tpoggieh f'postha. Ir-rapport a foll 77 u 78 kien hejjieh is-supervisor tieghu fuq x'sabu huma meta marru fil-post. Xehed Claudio Pace li kien mar fuq il-post wara l-incident u li qal illi kienet inqalghet linja minn mal-bubini u messet mal-arm tal-Enemalta u ghalhekk jixxortja. Il-phase tal-Enemalta inqata' minn mal-mounting tieghu. Ikkonferma ir-rapport a foll 77 u 78 li hejja ta' fuqu skond ir-ritratti u x'jirapporta hu. Huma ma jmissu xejn qable ma jmorru tal-Enemalta u jirrangaw il-fault taghhom. Huma irrangaw il cable li kien maqlugh u jmiss mal-art u ghamluh f'postu. Il-Wires kienu mahruqin u l-faccata tal-flats kienet sewda.

Xehed John Stivala Senior Manager technical department mal-Go plc, li sab illi kienu nbidlu xi wires minn taghhom ghax kienu irraportaw xi klijenti imma ma kellu ebda informazzjoni ohra.

PC 1284 li kienu prezenti fuq il-post ftit wara l-incident ghax kien hemm rapport li kien hemm xi nirien fuq barra fi Triq l-Gharghar. X'hin waslu fuq il-post raw nirien li beda tiela' l-fuq mal-wires tal-faccata, u huma evakwaw ir-residenti u talbu lil tac-Civil Protection, izda sakemm gew, hu kien gab fire extunguisher mir-residenti u beda jipprova jitfi n-nar,  izda tfew in-nartac-Civil Protection. Ikkonferma ir-ritratt  a foll 18 li juri in-nar imma sakemm wasal hu in-nar kien infirex sa fuq il-bejt.

Xehed John Zammit Manager Distribution tal-Enemalta li ipprezenta rapport maghmul mill-Inginier Chris Cutajar li jikkonferma li dak in-nhar tal-incident is-supply min-naha tal-Enemalta ma giex interrot. Xehed Joseph Zahra li jahdem fl-ufficju tal-customer care li skond it-teknici li investigaw min-naha tal-Enemalta kienu ikkonkludew illi ma kienux risponsabbli u ipprezenta l-korrispondenza.

Fil-15 ta' Dicembru 2021 xehed Carmelo Callus, li huwa distribution tradesman mal-Enemalta li jsewi l-hsarat. Gie muri foll 24 u ikkonferma illi kien mar fuq il-post. Il-wires li jidhru mahruqin fir-ritratt m'humiex tal-Enemalta u meta mar fuq il-post il-wires tal-Enemalta kienu ghadhom f'posthom u ma kellhom ebda problema, fil-fatt ghalkemm mar biex jsewwi ma sewwa xejn ghax ma kien hemm xejn hazin. Il-wires li jidhru a foll 25 huma l-wires tal-Enemalta, jekk jinqata' wire tal-Enemalta jinzel mal-art u jinqata' d-dawl tan-nies u jkollhom jmorru s-substation. F'dan l-incident ma kellux ghalfejn jitfi d-dawl, li f'kazijiet bhala dawn jkollu jintefa mill-substation. Il-wires u casing tal-pjanci mahruqin

[2] Foll 73

ma kienux tal-Enemalta. Fil-kontro ezami ikkonferma li s-service wire kien mmarkat bl-ahmar fir-ritratt a foll. 38 u li kien imgannat. ikkonferma illi jigi mgannat meta jkun hemm hsara fuqu, izda dakinhar li mar fuq il-post hadd mill-haddiema ma sewwa xejn u fil-fatt damu biss ftit minuti. Ma jafx meta sar dak il-wire bil-gonta imma m'ghamlux hu dakinhar u probabilment sar wara dakinhar. Kieku kien inharaq dakinhar kien jaqa' mal-art u kien jkollu jitfi s-substation biex jsewwieh hu, ghax hu mar fuq il-post. Ikkonferma illi meta jitfi mis-substation jkun qieghed jitfi l-main distribution cable u mhux s-service cable. Mir-ritratt a foll 36 ma setax jkun cert jekk is-service cable kien qieghed jinharaq, mitlub jindika fejn hu s-service cable fuq ir-ritratt jghid illi ma jidhirx. Indika bil-biro blu wire li mhux cert jekk hux tal-Enemalta. Dwar cable imdendel li jaghti ghal fuq is-sors tan-nar imqabbad mal-bubini jghid illii ghalih m'huwiex service cable.

L-Inginier Christopher Cutajar xehed illi huwa inginier mal-Enemalta u ikkonferma r-rapport u l-istatement tieghu tieghu a foll 85 u 86 mmarkat JZ1. Wara li dahal rapport li kien hemm hruq kienu marru fuq il-post il-foreman u haddiema ohra tal-Enemalta u sabu li ma kien hemm bzonn ebda intervent min-naha taghhom. Hu ma kienx mar fuq il-post izda kien iccekja ukoll min-naha interna u sab illi ma kien hemm ebda sospensjoni ta' elettriku. La s-supply ma jigix interott dan jfisser illi ma kien ebda fault min-naha taghhom ghax jekk jkun hemm hsara s-supply tigi interotta b'mod awtomatiku. B'referenza ghar-ritratt a foll 52, fejn hemm immarkat b'ittra "X", dan huwa binding li xogholu hu li jzomm il-linja li hija shiha f'postha. Il-wire li jidher mkebbeb, normalment jkun ta' copper, qieghed jzomm il-wire f'postha, m'hijiex gonta. In kontro ezami jghid illi service cable hija parti mid-distribution cables, li mill-linja jinzel ghal meter tal-individwu. Services cable normalment jkun abjad izda gieli jkun griz u anke kulur il-gebla izda ma jkunx iswed.Gie mitlub jiddentifika s-service cable fir-ritratt a foll 36 izda ma setax jiddentifikah minhabba l-ammont ta' wires. Immarka b'circu ahmar li juri hames linji ta' hames wires li huwa circuit komplut li jirreferu ghalihom bhala overhead lines li jkunu fit-toroq ghax id-distribution cables jibdew mill-powerstation jew interconnector sakemm tasal ghand il-konsumatur. Is-service cable jkun l-ahhar cable li jinzel mill-linja ghand il-konsumatur. Gie issugerit illi ma setax jiddentifika s-service wire ghax din kienet il-problema hu jghid illi l-problema ma kinitx fih ghax kieku kien jkun hemm sospensjoni tad-dawl. Gie muri ritratt iehor a foll 38 u immarka bl-ahmar is-service cable li jidher mgannat u qal illi huwa normali li wire jkun imgannat u bit tape u jista' jkun li kien hekk minn qabel.

Mill provi jirrizulta mhux ikkontestat illi kien hemm hruq fil-wires li ikkawzaw hsara fil-faccata ta' Sunrose Flats, gewwa Triq l-Gharghar, Qormi, Din il-hsara kienet tammonta ghal €3750 skond stima li giet ipprezentata. Li huwa ikkontestat huwa minn kien risponsabbli ghal hruq. Xehdu l-atturi u persuni ohra residenti f'Sunrose Flats, il-pulizija u impjegati tal-Melita u tal-Go li kollha marru fuq il-post immedjatament jew ftit wara, li kwzai kollha qallu li raw lil-haddiema tal-Enemalta jirrangaw il-wires. Ix-xhieda tas-socjeta konvenuta, fosthom L-inginier u Carmelo Callus, li kien il-persuna li marret fuq il-post meta sehh l-incident, qalu illi l-hsara ma kinitx min-naha tal-Enemalta tant illi ma kellu jsir ebda intervent ghax is-servizz ma kien gie interott. L-Inginier Edward Gatt, li tqabbad mill-atturi, xehed u ipprezenta rapport fejn skond hu l-hsara kienet gejja

minn *short circuit from the electricity wires providing supplies to the homes*. Fir-ritratti li gew ezebiti u li saret referenza ghalihom fil-kontro ezamijijet ta' Carmelo Callus u Inginier Cutajar, jirrizulta li s-service wire ma setax jigi identifikat fir-ritratt meta kien hemm il-hruq filwaqt illi fir-ritratt ezebiti wara l-incident s-service wire jidher bhala wire mgonnot. Din it-tip ta' gonta ssir meta jkun hemm hsara ghalkemm Callus baqa' konsistenti jghid illi ma sarx dakinhar tal-incident, izda ma setax jghid meta fil-fatt kienet saret. Mill-provi jidher illi xi tip ta' intervent sar min-naha tal-Enemalta tant illi s-service wire jidher bil-gonta u l-hruq li kien hemm kien jindika vultagg qawwi u ghalhekk it-Tribunal huwa konvint illi l-hsara sehhet fil-wires li jappartjenu lil-Enemalta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal fid-dawl tal-provi mresqa qieghed jilqa't-talba tal-atturi u jikkkundana s-socjeta konveunta thallas is-somma ta' tlett elef seba' mija u hamsin euro €3750 mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna sal-hlas shih u effettiv[3]. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.It-talba ghal-ispejjes tal-protest gudizzjarja ma tistax tintlaqa' stante li ma gietx ipprezentata kopja fil-process.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[3] Ghalkemm saret referenza ghal protest gudizzjarja 363/2020 datar 9 ta' Novembru 2020 ma gietx ipprezentat kopja matul il-kawza.